KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.12.2008
KUMM(2008) 858 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, fuq in-naħa l-oħra

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa waħda, u l-Istati AKP tal-Paċifiku, fuq in-naħa l-oħra:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bid-data tat-23 ta' Ottubru 2007, il-Ftehim Interim ta' Sħubija ġie nnegozjat biex jiġi evitat li jitħarbat il-kummerċ mal-Komunità mal-iskadenza tar-reġim kummerċjali stabbilit fl-Anness V tal-Ftehim ta' Cotonou fil-31 ta' Diċembru 2007 u r-rinunzja tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) li tkopri dan ir-reġim kummerċjali. Dawn in-negozjati ġew konklużi permezz tal-Ftehim Interim ta' Sħubija fit-23 ta' Novembru 2007 mar-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi u l-Papwa Ginea l-Ġdida.

B'riżultat ta' dan l-Istati tal-Paċifiku firmatarji (il-Fiġi u l-Papwa Ginea l-Ġdida) ġew inklużi fil-lista ta' pajjiżi fl-Anness 1 tar-Regolament dwar l-Aċċess tas-Suq tal-FSE (Ftehim ta' Sħubija Ekonomika) adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2007[1] li bbenefikaw mill-offerta għall-aċċess tas-suq Komunitarju li saret fil-kuntest tal-FSE mill-1 ta' Jannar 2008. L-inklużjoni tagħhom f'din il-lista se ssir permanenti wara r-ratifika tal-Ftehim Interim ta' Sħubija mill-partijiet kollha. Dan se jiżgura reġim kummerċjali uniku armonizzat bl-UE tipprovdi aċċess aħjar għas-suq għall-Istati tal-Paċifiku firmatarji.

Il-Ftehim Interim ta' Sħubija huwa qafas għal FSE u jinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex tigi stabbilita Żona ta' Kummerċ Ħieles kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994[2], inklużi dispożizzjonijiet dwar il-Faċilità tad-Dwana u tal-Kummerċ, l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji u s-Soluzzjoni tat-Tilwim.

Kemm id-dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni fl-iżvilupp kif ukoll id-dispożizzjonijiet istituzzjonali huma limitati ħafna, il-punt fokali tal-Ftehim Interim ta' Sħubija huwa purament il-kummerċ fil-merkanzija. Il-Ftehim Interim ta' Sħubija fih klawżola ta' reviżjoni (rendez-vous) għal negozjati ta' kontinwazzjoni tal-FSE komprensiv, li se jkopri oqsma oħra, eż. l-kooperazzjoni fl-iżvilupp, is-servizzi, is-sajd, l-agrikoltura, ir-regoli relatati mal-kummerċ, eċċ.

In-negozjar ta' FSE komprensiv ikompli b'mod konsistenti mad-direttivi għal FSE mal-Istati tal-AKP adottati mill-Kunsill fit-12 ta' Ġunju 2002.

Sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim Interim ta' Sħubija, hi prevista l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim. Il-Kummissjoni ddeterminat ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u f'konformità mad-direttivi tan-negozjati mill-Kunsill, u titlob lill-Kunsill:

– biex jawtorizza l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim Interim ta' Sħubija;

– biex japprova l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill 1528/2007

[2] Il-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (1994)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, fuq in-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għal Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi tal-AKP.

(2) In-negozjati għal Ftehim Interim ta' Sħubija, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem il-'FSE interim') ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 mal-Papwa Ginea l-Ġdida u mar-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi.

(3) L-Artikolu 76(3) tal-FSE interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.

(4) Il-FSE interim għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità u applikat fuq bażi provviżorja bil-kundizzjoni li jiġi konklużż f'data aktar tard.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Istati tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-imsemmi FSE interim.

It-test tal-FSE interim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[3] ĠU C , , p. .

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bil-poter li jiffirmaw il-FSE interim f'isem il-Komunità Ewropea bil-kundizzjoni li jiġi konkluż.

Artikolu 3

Il-FSE interim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja kif stipulat fl-Artikolu 76(3) tal-Ftehim, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika notifika li tagħti tagħrif dwar id-data tal-applikazzjoni provviżorja.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT ESKLUSSIVAMENT GĦAN-NAĦA TAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, fuq in-naħa l-oħra

2. IL-LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: 12/120

L-ammont stmat għas-sena kkonċernata: **16 431 900 000 (Il-Baġit 2008)**

3. IMPATT FINANZJARJU

☑ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikolu 17, tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn l-Istati tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jitwettqu investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) u dawn għandhom jiġu rregolati mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli regolari fuq il-post li jkunu bbażati fuq id-dokumenti.

5. RIMARKI OĦRAJN

It-tariffi doganali kollha li baqa' fuq il-prodotti li joriġinaw f'dawk ir-reġjuni tal-AKP jew stati li kkonkludew in-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jew ftehimiet li jinkludu arranġamenti kummerċjali kompatibbli mal-WTO tneħħew permezz tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1528/2007. Għalhekk, m'hemm l-ebda impatt finanzjarju addizzjonali assoċjat ma' din il-proposta.